**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Seduta tas-17 t'Ottubru, 2019.**

**Rik. Ġur. 586/10 GM**

**Francis Cutajar ID316366M u martu Mary Cutajar (ID187265M) flimkien ma' Peter Paul Cutajar ID195660M u martu Josette Cutajar ID502771M**

**vs**

**Mariano, Joseph u Publiju aħwa Farrugia, ID311155M u 155852M u 455448M rispettivament**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat li permezz tiegħu, l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-atturi huma proprjetarji ta' 67 sehem minn 70 sehem indiviz tal-porzjon diviza ta' art magħrufa bħala Plot A li tinsab fil-limiti taz-Zurrieq, magħrufa bħala Tal-Ġibjun, fil-kontrada omonima jew magħrufa wkoll bħala Tan-Nigret, tal-kejl ta' ċirka elf u mitt metru kwadu jew kwalunkwe kejl verjuri, u li tikkonfina mil-

Lbiċ ma' sqaq kampestru li jizbokka fi triq il-Mitħna, mill-Majjistral ma' proprjeta' ta' Publius Farrugia jew l-aventi kawza tiegħu, u mill-Grigal in parti ma' proprjeta' tal-istess Publius Farrugia u in parti ma' proprjeta' ta' Silved Developers Limited jew is-suċċessuri tagħhom fit-titolu, jew irjieħ verjuri, liema porzjon art tidher imberfla bl-aħmar fuq il-pjanta Dok C2.

2. Tiddikjara illi l-intimati qegħdin jokkupaw illegalment u abbuzivament dik il-parti mill-imsemmija biċċa art li tidher mizbugħa bil-kulur isfar fuq il-pjanta Dok C4.
3. Konsegwentement tirrevendika l-imsemmija porzjon art (ċioe dik mizbugħa bl-isfar fuq il-pjanta Dok C4) favur ir-rikorrenti u tordna lill-intimati jivvakaw u jħallu libera l-istess art favur ir-rikorrenti;
4. Tordna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħgobha tipprefiġġi, jirripristinaw is-sit in kwistjoni fl-istat li kien fih qabel l-okkupazzjoni minnhom, okkorendo taħt id-direzzjoni u s-supervizjoni ta' perit nominand;
5. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas jesegwixxu x-xogħlijiet neċessarji huma stess a spejjez tal-intimati, okkorendo taħt id-direzzjoni u supervizjoni ta' perit nominand;
6. Tiddikjara illi l-aġir tal-intimati ħoloq u qiegħed joħloq dannu għall-atturi;
7. Tiddikjara lill-intimati responsabbli tal-imsemmija danni;
8. Tillikwida d-danni ikkaġunati lill-atturi; u
9. Tikkundanna lill-intimati jħallsu lill-atturi d=danni hekk likwidati, inkluz l-imgħaxijiet legali fuq l-istess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li ġew inġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti li permezz tagħha, fis-sustanza, eċċepew:

1. kellhom jitħallsu l-ispejjeż tal-kawża 1194/09 JA

2. kellhom jiġu msejjħin fil-kawża l-Knisja Aripritali tas-Siggiewi u Dar tal-Providenza biex il-ġudizzju jkun integru

3. in-nullita` tan-notifika billi ma ġewx notifikati bid-dokumenti li għalihom saret riferenza fir-rikors ġuramentat

4. l-intempestivita` tal-azzjoni billi l-atturi wara kawża ta' spoll li l-konvenuti kienu fetħu kontra l-atturi m'ottemperawx ruħhom mal-ordni fis-sentenza 1441/97 FGC li jpoġġu l-art mertu ta' din il-kawża fl-istat pristinu tagħha.

5. M'humiex il-leġittimi kontraditturi; l-atturi messhom ħarrku lil min biegħlhom ħażin.

6. huma u l-awturi tagħhom dejjem żammu l-art *animo domini* u bħala sidien assoluti abbażi ta' preskrizzjoni akkwiżittiva ta':
(i) tletin sena (Art. 524(1) 2107(1) u 2143 tal-Kodiċi Ċivili)
(ii) għaxar snin (Art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili)

7. ripetizzjoni ta' 6(i)

8. l-atturi għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-azzjoni rivendikatorja. Jekk jirriżulta żball fil-fidi taċ-ċens dan ma jekwivalix għal nuqqas ta' pussess da parti tal-konvenuti

9. ripetizzjoni ta' 6(i)

10. kienu l-atturi li kkawżaw ħsara lill-art;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tal-aċċess tal-31 ta' Jannar 2017[1] miżmum minn din il-Qorti diversament ippreseduta;

Rat ir-raba in kwistjoni permezz ta' aċċess ieħor li għamlet fil-11 ta' Lulju 2019;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet aħħarija tal-partijiet;

Rat li waqt l-aċċess tal-11 ta' Lulju 2019 il-partijiet għażlu li jistrieħu fuq in-noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub rispettivi ġja` ppreżentati minnhom u li l-kawża ġiet iddifferita għallum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi bażi ta' din il-kawża hija l-*actio rei vindicatoria,* li hija l-azzjoni ewlenija maħsuba għall-ħarsien tal-jedd ta' proprjeta` li permezz tagħha s-sid jitlob lura l-ħaġa posseduta illeġittimament minn ħaddieħor. Hija l-espressjoni l-iktar evidenti tas-sinjorija li s-sid jeżerċita fuq il-ħaġa tiegħu. Din l-azzjoni hi kkaratterizzata minn żewġ elementi ewlenin:

(i) L-għarfien tad-dritt ta' proprjeta` tar-rivendikant u

[1] Fol 541

(ii) Ir-radd lura tal-ħaġa rivendikata.

Skop ta' din l-azzjoni hu li jerġgħu jiġu magħqudin flimkien il-pussess u l-proprjeta`.

Illi l-attur, li jippretendi li hu s-sid, jinħtieġlu, skont il-prinċipju ġenerali fil-qasam tal-piż tal-prova, jipprova l-fatti kostituttivi tal-jedd tiegħu. B'mod partikolari, irid jipprova d-dritt tiegħu b'mod komplut fis-sens li mhux biżżejjed li jipprova li l-konvenut mhux proprjetarju; jekk ma jippruvax id-dritt tiegħu, il-ħaġa tibqa' għand min jippossjediha. Obbligat iressaq, b'mod rigoruż, prova tad-dominju tiegħu billi jmur lura, anke permezz tad-*dante causa* tiegħu, sa akkwist b'titlu oriġinali jew juri s-seħħ ta' użukapjoni:

> *"Cio` significa che sommando il tempo in cui il bene e stato posseduto dal rivendicante al tempo in cui il bene e stato posseduto dal suo o dai suoi danti causa, e` possibile fornire la prova dell'usucapione… che e un tipico modo di acquisto della proprieta` a titolo originario, cosicche` puo` non essere necessario risalire a epoche eccessivamente remote*"[2].

Dan jinstab ikkonfermat ukoll mill-Qrati tagħhna:

> "Bejn l-1938 u meta nfetħet il-kawża għaddew iktar minn għaxar snin, u għalhekk ma huwiex meħtieġ li mmorru iktar lura u nqisu kuntratti li saru qabel… fl-azzjoni *rei vindicatoria* ma hijiex meħtieġa prova tal-għerq tat-titolu sa minn żmien Adam iżda huwa meħtieġ titolu oriġinali, bħalma hija appuntu l-użukapjoni. It-titolu tal-atturi – il-kuntratti tal-1937 u l-1938 li bih l-awtur tagħhom kiseb 'diritt dominju, proprjeta` u cens' – huwa biżżejjed titolu għall-għanijiet tal-użukapjoni bla ma hu meħtieġ li tmur aktar lura fiż-żmien"[3]

[2] Proprieta e diritti reali Vol III Azioni petitorie – servitu – possesso – usucapione – azioni possessorie a cura di Paolo Cendon, 4.7.5 pagna 105 , sena 2012

[3] Richard England v Joseph Muscat 29.10.2018 Qorti tal-Appell (Onor G. Caruana Demajo, Onor. Noel Cuschieri, Onor Anthony Ellul)

Illi l-atturi ressqu għadd ta' dokumenti li juri bla ebda dubbju li huma tabilħaqq għandhom titlu oriġinali fuq l-art in kwistjoni. Dawn juru li huma akkwistaw sehem indiviż ta' 67/70 tal-ħabel in kwistjoni flimkien m'art akbar permezz ta' att ta' bejgħ fit-2008[4]. F'dan il-kuntratt hemm provenjenza ddettaljata ħafna li tmur lura għal kuntratt ta' qasma tal-1892.[5] L-atturi ppreżentaw nota li fiha indikaw il-provenjenza tat-titolu tagħhom flimkien ma' skeda grafika li turi kif il-proprjeta` għaddiet minn id għall-oħra jew aħjar minn persuna għall-oħra sakemm waslet għandhom.[6] Il-konvenuti m'attakkaw bl-ebda mod l-adegwadezza ta' dan it-titlu tal-atturi;

**L-ewwel eċċezzjoni: Ħlas tal-ispejjeż tal-kawża tal-ispoll**

Illi permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom, il-konvenuti saħqu fuq l-improsegwibilita` ta' din l-kawża qabel ma l-atturi odjerni jħallsu l-ispejjeż konnessi mal-kawża tal-ispoll deċiża kontrihom. M'hemm l-ebda obbligu li titħallas kawża ta' spoll qabel tinfetaħ oħra fil-mertu. Fi kwalunkwe każ ma nġiebet l-ebda prova dwar in-nuqqas ta' dan il-ħlas. L-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti għalhekk hija bla bażi;

**Integrita` tal-ġudizzju**

Illi t-tieni eċċezzjoni hi li kellhom jiġu kkjamati fil-kawża L-Knisja Arċipretali tas-Siggiewi kif ukoll id-Dar tal-Provvidenza "għall-integrita` tal-ġudizzju". Din l-eċċezzjoni xejn ma hi ċara. Fiha l-konvenuti ma jispjegawx l-għala n-nuqqas ta' dawn il-partijiet iwassal għal nuqqas tal-

[4] Kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Mary Grech Pace 19.11.2008
[5] Kuntratt tat-03.07.1892 tan-Nutar Francesco Caruana (Dok CC-1)
[6] Fol 287

integrita` tal-ġudizzju. L-atturi fehmuha li tirreferi għall-fatt li huma għandhom 67/70 kwota indiviża tal-proprjeta` u mhux il-proprjeta` intiera, billi indirizzaw dan il-punt fin-nota ta' sottomissjonijiet aħħarija tagħhom. Il-konvenuti nfushom donnhom riedu jqanqlu eċċezzjoni f'dan is-sens, għalkemm esprimewha b'mod daqsxejn differenti, u dan kif jidher min-nota ta' sottomissjonijet responsiva u aħħarija tagħhom, li hi fis-sens li qabel jibdew iħammlu, kellhom jitolbu d-diviżjoni tal-proprjeta` in kwistjoni minn mal-koproprjetarji minoritarji, "biex jiġi identifikat fejn hu tagħhom"[7];

Illi l-atturi ċċitaw ġurisprudenza li tippermetti sid ta' sehem indiviż biex jistitwixxi l-azzjoni rivendikatorja mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħrajn u saħansitra kontra r-rieda tagħhom[8]. Jiċċitaw sentenza oħra[9] li tikkwota lill-awtur Taljan **Borsari[10]** jgħid li minkejja li l-attur ikollu biss kwota indiviża u allura materjalment imħallta mal-kwota li jkun jifdal, għandu l-jedd, fl-interess tal-komunjoni, li jitlob mingħand il-pussessur illegittimu anki l-kwota li ma tkunx tiegħu, b'mod li jista' jitlob mingħandu l-fond kollu kemm hu, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ċċitat fil-ġudizzju l-kompropretarju l-ieħor. Din is-sentenza tikkwota wkoll lil **Ricci** [11]li hu tal-istess fehma. Wara li l-atturi ppreżentaw in-nota tagħhom (fl-01.08.2016) iżda, ġiet ippronunzjata sentenza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Richard England v Joseph Muscat[12]:**

> 32. Ma huwiex biżżejjed li ssir prova ta' titolu fuq sehem indiviż **għax ma tistax tiżgombra minn sehem indiviż[13],** u lanqas ma jista', fil-

---

[7] fol 527
[8] Diana Gatt v Vincent Said -Qorti tal-Appell 23.02.2001; Carmela Zammit v Carmelo Zammit, 15.10.1959, Vol XLIII.ii.778; Mary Aquilina v Antonio Piscopo 24.10.2003 Prim'Awla
[9] Maria Carmela Schembri v Amabile Vassallo 17.06.1963, Prim'Awla
[10] Borsari, Commentario al Cod. Civ. Ital. 2, Cit 4, para. 1401
[11] Ricci, Corso di Diritto Civile, vol V tit. 1, cap 1 n. 12
[12] mogħtija fid-29.10.2018 mill-Qorti tal-Appell kolleġjalment komposta
[13] enfasi miżjud minn din il-Qorti

kuntest ta' azzjoni bħal ma hija dik tallum, jinġieb l-argument illi de minimis non curat prætor għax sehem ta' wieħed minn sebgħa u sebgħin (1 /77) minn immobbli jista' jkollu valur li ma jkunx traskurabbli.

33. Is-sentenza ċitata mill-atturi Mary Teuma Castelletti v. Joseph Sant Manduca et, mogħtija fid-29 ta' Jannar 1955 mill-Prim'Awta tal-Qorti Ċivili ma tidhirx li hija relevanti għall-każ tallum. F'dik is-sentenza ntqal hekk: »Illi, fl-ewwel lok, [il-konvenut] eċċepixxa li l-attriċi, bħala kom-proprjetarja, ma tistax titlob l-iżgumbrament tal-konvenuti mingħajr il-kunsens u l-intervent tal-komproprjetarji l-oħra, u dawn ma ġewx ċitati kollha. Il-prinċipju inkovat huwa skond il-ġurisprudenza kostanti tal-qrati tagħna, iżda fir-rigwardi biss ta' inkwilin ta' fond komuni li jkun kera mingħand Richard England et v. Joseph Muscat et 19 il-komproprjetarji kollha, jew anki mingħand wieħed minnhom biss mingħajr ma dik il-lokazzjoni tkun ġiet impunjata skond il-liġi, imma dejjem fir-rapporti bejn lokatur u inkwilin; u dan għar-raġuni evidenti li l-inkwilin ikun assuma obbligazzjoni fil-konfront tal-komproprjetarji kollha, u għalhekk ma jistax wieħed, jew x'uħud, biss mill-komproprjetarji jiżgumbraw lil dak l-inkwilin, għal bżonn bi preġudizziu tal-komproprjetarji l-oħra, li jkunu, preżumibbilment, iriduh jibqa' jiddetjeni l-fond; u dana dejjem apparti l-konsiderazzjoni li mhix eżegwibbli sentenza ta' żgumbrament minn kwota indiviża ta' fond komuni. »Illi, però, dan ir-raġunament mhux applikabbli meta d-detenzjoni tal-fond tkun mingħajr titolu, bħal fil-kaz li s-sullokazzjoni tkun ġiet projbita lill-inkwilin u dan jikri I-fond, anki f'parti biss, lil ħaddiehor; għaliex dana ma jistax ikollu titolu għat-tgawdija tal-fond, meta s-sullokatur ma setax, in vista ta' dik il-projbizzjoni, jagħti lis-subinkwilin dina t-tgawdija (v. Paċifiċi Mazzoni, Locazione, § 174). Għaldaqstant kull wieħed millkomproprjetarji jkun jista' jitlob l-iżgumbrament ta' min ikun qiegħed jokkupa l-fond mingħajr titolu, anki mingħajr il-kunsens jew l-intervent tal-konsorti l-oħra (v. Kollez. XXI-II-433).«

34. **Dan ir-raġunament ma jgħoddx għall-każ tallum għax il-kwistjoni fir-rei vindicatoria ma hijiex jekk il-konvenut għandux**

**titolu – bħal ma kienet fis-sentenzi ċitati mill-atturi – iżda jekk l-attur tax prova biżżejjed tat-titolu tiegħu".**[14]

35. **Is-soluzzjoni trid bilfors tkun illi l-ġudizzju ma huwiex integru**.[15] Dan ma jfissirx illi t-talbiet tal-atturi għandhom jiġu miċħuda iżda għall-integrità huwa meħtieġ illi jissejjaħ fil-kawża s-sid tas-sehem l-ieħor, jew personalment jew permezz ta' kuraturi jekk ma huwiex magħruf. Sejħa fil-kawża ma tistax issir fl-istadju ta' appell u għalhekk il-qorti, wara li, għall-kompletezza, tqis l-aggravji l-oħra, sejra tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex jerġa' jsir is-smigħ wara li ssir is-sejħa meħtieġa fil-kawża.

Illi l-**Bianchi**,[16] li jiċċita lill-**Pothier** jieħu pożizzjoni intermedja bejn iż-żewġ veduti opposti fuq espressi, fis-sens li l-komproprjetarju jista' jaġixxi waħdu **limitatament għas-sehem indiviż tiegħu:**

"Per poter esercitare l'azione di rivedicazione d'una cosa non e' necessario esserne proprietario unico. Ciascun partecipante ad una comunione di beni avendo la piena proprieta' della sua quota (art. 679 cod. Civ) puo' quanto a questa rivendicare la cosa cadente in comunione, che sia posseduta o detenuta da un terzo: senzache' con cio' esca dai termini dell'art. 439, che accorda al proprietario della cosa il diritto di rivendicarla da qualsiasi possessore o detentore. Il rifiuto degli altri partecipanti alla comunione, di concorrere nell'esercizio dell'azione vindicatoria, non potrebbe impedirlo a lui rispetto alla quota che gli spetta; ne' egli vienu a prevalersi dei diritti altrui, qudando si limita ad intentare la rivendicazione per la quota propria, a chiedere cioe' che sia roconosciuta la piena proprieta' che gli appartieni di questa, e in ragione di essa venga egli conseguentemente ammesso di fato alla compartecipazione nel possesso, nell'uso e nel godimento della

[14] enfasi miżjud minn din il-Qorti
[15] enfasi miżjud minn din il-Qorti
[16] Francesco Saverio Bianchi, Corso di Diritto Civile Italiano, Vol 9, parte II, Dei Beni, della Proprieta` e della Comunione, ippubblikat fl-1898, paġna 39.

cosa comune, secondo le norme stabilite per tale materia dalla legge (art. 674 u 678 cod. Civ.). Avverti anzi il Pothier che "colui al quale il dominio d'una cosa appartenga solamente in parte, puo' rivendicarla per la quota sua, ancorche' la cosa non sia suscettibile di parti reali, m soltanto di parti intelletuali: *Eorum quoque, quae sine interitu dividi non possunt, partem petere posse constat* (Leg.35, S3, Dig. De rei vindicatione)."

Illi l-kwistjoni għadha, fl-Italja, kontroversa sallum. B'danakollu, skont **Antonella Barberini**[17] il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana rriżolviet il-kontroversja favur il-veduta li l-komproprjetarju jista', waħdu, jressaq 'il quddiem l-azzjoni rivendikatorja biex jieħu lura l-proprjeta` komuni kollha:

"Controversa e' anche la questione attinente alla legitimazione attiva in caso di comunione.
"Tutta, la giurisprudenza ha risolto il problema affermando che nelle comunioni pro indiviso legittimato ad esperire l'azione di rivendicazione e' ogni singolo comunista e che non e' necessaria l'integrazione del contradditorio nei confronti degli altri contitolari del diritto di proprieta'.
Il singolo comproprietario e legittimato ad esercitare,m senza necessita' di litisconsorzio con gli altri comunisti, le azione a difesa della cosa comune (nella specie: azione di rivendicazione) (Cass. 31.1.1983 n.851, MGI, 1983; GC, 1984,I,3408).
"L'azione di rivendicazione puo' essere proposta da uno solo dei proprietari del fondo (Cass. 18.3.1986, n.1841, GI, 1987, I, I, 506).
Con cvioe si e' dimonstrato he per essere legittimati ad esperire l'azione di rivendicazione non e' necessario essere titolari della situazione di

[17] Antonella Barberini, La Tutela del Diritto di Proprieta`, Capitolo Quarto tal-ktieb jismu Proprieta`e Diritto Reali, Vol III tal-opra Proprieta`e Diritti Reali ta' diversi awturi, miġbur minn Paolo Cendon, ippubblikat mill-UTET fis-sena 2012

appartenenza piu' ampia che l'ordinamento possa concedere, ma semplicemente di un diritto reale che comprenda il diritto al possesso del bene da recuperare (Gambaro 1995, 930)."

Illi bir-rispett kollu lejn l-aħħar sentenza, il-Qorti taqbel mal-ġurisprudenza prevalenti, li hija suffragata mhux biss mid-dottrina l-iktar akkreditata imma wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana riċenti. It-tieni eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda;

**Notifika tad-dokumenti**

Illi permezz tat-tielet eċċezzjoni, l-konvenuti jallegaw in-nullita` tar-rikors ġuramentat billi ma ġewx notifikati bid-dokumenti annessi miegħu. In-nullita` kif ilu jintqal minn dawn il-Qrati tappartjeni għall-infanzja tad-dritt. Din il-Qorti żżid li per prinċipju m'għandhomx jitqanqlu fejn il-konvenut ma jkunx sejjer ibati preġudizzju irrimedjabbli. Din l-eċċezzjoni hija wkoll bla bażi;

**Ir-raba ma ġiex impoġġi fl-istat pristinu tiegħu**

Illi permezz tar-raba' eċċezzjoni, il-konvenuti jqanqlu l-intempestivita` tal-azzjoni billi jallegaw li l-fond *de quo*, spoljat mill-atturi odjerni, ma ġiex irripristinat qabel ġiet intavolata din il-kawża petitorja. B'danakollu ma ressqu l-ebda prova dwar din l-eċċezzjoni. Dan apparti li mill-affidavit tal-attur Peter Paul Cutajar jirriżulta li poġġew il-ħamrija f'postha.[18] Wieħed mill-konvenuti reġa' dawwar il-porzjon *de quo* b'ħajt tas-sejjiegħ

[18] Affidavit tiegħu a fol 18

u huwa u jagħmel dan aktarx invada wkoll l-art tal-atturi. Għalhekk fi kwalunkwe każ il-mertu ta' din l-eċċezzjoni jinstab eżawrit;

**Konvenuti m'humiex il-leġittimi kontraditturi**

Illi dwar il-ħames eċċezzjoni, ftit li xejn hemm x'wieħed jgħid, għajr li hija waħda addirittura frivola;

**Fatti**

Illi l-fatti li taw lok għal din il-kawża huma, fil-qosor, dawn:

1. L-art li l-atturi qegħdin jitolbu l-pussess tagħha lura tikkonsisti f'nofs diviż ta' ħabel art uniku. Il-ħabel huwa ta' għamla rettagolari u huwa mdawwar kollu kemm hu b'ħitan tas-sejjiegħ filwaqt li ż-żewġ nofsijiet mhumiex segregati b'ħajt. Mill-Punent imiss ma' passaġġ; mit-Tramunata ma' proprjeta` tal-konvenuti u min-Nofsinhar ma' proprjeta` tal-atturi.

2. Xhieda prodotti mill-konvenuti jgħidu li l-konfini bejn iż-żewġ nofsijiet kienu mmarkati permezz ta' ġebel imdaqqas filwaqt li xhieda prodotti mill-atturi jsostnu li ma raw l-ebda marka ta' demarkazzjoni.

3. Ritratti meħudin mill-ajru (esibiti mill-konvenuti) juru:

**1967** : il-ħabel raba jidher imdawwar bil-ħitan. L-uniku access għalih jidher li kien permezz ta' fetħa żgħira fuq in-naħa tal-lemin estrem tal-ħajt tan-Nofsinhar u ċjoe` kien aċċessibbli biss mill-proprjeta` illum tal-atturi. Il-ħabel ma kellu l-ebda access mill-passaġġ inkella mill-proprjeta` tal-konvenuti. Il-ħabel jidher li kellu xi marki fin-nofs tiegħu li jaqsmuh fi

tnejn ċjoe` mit-Tramuntana għan-Nofsinhar. Iż-żewġ porzjonijiet jidhru maħduma iżda l-porzjoni tan-naha tal-Punent tidher maħduma b'mod differenti mill-Porzjoni tal-Lvant. L-uniku access – dak fuq imsemmi – għall-ħabel raba kien min-naħa tal-porzjon tal-Lvant. Fi kliem ieħor il-porzjon tal-Punent kienet aċċessibbli biss mill-Porzjon tal-Lvant. Ma jidhru l-ebda siġar fil-ħabel u lanqas madwaru.[19]

**1988:** ir-ritratt juri l-istess bħal tal-1967 bid-differenza li l-għalqa tidher maħduma kollha l-istess u hemm siġra fil-proprjeta` kontigwa – tal-konvenuti – li tagħti in parti fuq il-parti tal-Punent tal-ħabel. Jidher l-istess sinjal probabbilment qsami f'nofs l-għalqa.
**1994**: juri l-istess bħar-ritratt tal-1988

**1998**: l-art tal-konvenuti jidher maħruta. Jidher li l-ħajt tas-sejjiegħ tan-Nofsinhar iġġarraf; il-ħabel kollu kemm hu jidher żdingat. Xorta waħda ma jidher l-ebda access mir-raba tal-konvenuti għall-ħabel

4. Raymond Bonnici esebixxa pjanta[20] li fuqha hemm immarkati l-artijiet li kienu tal-Kurja fis-snin tmenin. Minn din is-survey sheet jidher li l-ħabel mhux maqsum fi tnejn u li huwa aċċessibbli mal-ħabel ta' taħtu b'fetħa fil-ħajt. Għalhekk jidher ċar li n-nofs ħabel in kwistjoni kien aċċessibbli biss mill-bqija tar-raba akkwistat mill-atturi fl-2008 u mhux mill-art akkwistata minn Carmelo Farrugia fl-1964.

[19] Fol 832
[20] Seduta tat-22 ta' Mejju 2014

5. **Aċċess 31.01.2017**[21]: taħt is-siġra fuq imsemmija, hemm fetħa li tagħti access mir-raba tal-konvenuti għall-parti tal-Punent tal-ħabel. Il-ġebel tal-ġnub jidher impoġġi iktar riċentement mill-bqija tal-ħajt.

Il-konvenut Mariano Farrugia fil-kawża tal-ispoll xehed illi n-nofs il-ħabel in kwistjoni ma kienx mifrud mill-bqija tal-għalqa b'xi ħajt tas-sejjiegħ. Isostni li kien hemm biss 'serbut ġebel' fin-nofs tal-għalqa. L-atturi ma raw l-ebda sinjal li jifred nofs il-ħabel meta marru fuq il-post.

6. **B'kuntratt tal-1964,** Carmelo Farrugia, missier il-konvenuti, akkwista l-utile dominju perpetwu mingħand il-Kurja ta' proprjeta` li skont il-pjanta annessa mal-istess kuntratt, tikkonfina mal-art in kwistjoni (min-naħa tat-Tramuntana tal-ħabel art fuq imsemmi). Uliedu – il-konvenuti - fdew iċ-ċens permezz ta' ċedola **fil-1989**.

7. Joseph Spiteri, sid preċedenti tal-għalqa, xehed li **minn tal-inqas sal-1996**, il-ħabel intier kien f'idejn ċertu "Geraldu l-kuntrattur". Kien imur ma' missieru jiġbor il-kera mingħand Geraldu; **l-aħħar qbiela nġabret fil-1978**, identifikata bħala s-sena li fiha ġie assassinat l-istatista Taljan Aldo Moro. Jgħid li Ġeraldu daħħal lil missier il-konvenuti f'biċċa mill-ħabel, mingħajr il-permess tas-sidien; iżda l-qbiela baqgħet titħallas minn Geraldu.

8. Carmelo Farrugia miet fit-29.11.1986[22].

9. **Publius Farrugia** ipproduċa denunzja ta' missieru fejn indikaw li ħallsu d-denunzja fuq dan in-nofs ħabel. (Dok D a fol 245 u I a fol 249).

[21] fol 541
[22] Kif jidher mid-denunzja a Fol 245

Korrispondentement, esebixxi denunzja ta' Francis Axisa, wieħed mis-sidien oriġinali li biegħu lill-atturi li tinkludi pjanta b'nofs l-art biss DokH a fol 255 u 256.

10. **Publius Falzon**[23] xehed li trabba mal-familja Farrugia u kellhom antenat komuni. Jidher li kien jaħdem nofs il-ħabel li xtraw l-atturi. L-għalqa kienet taħdimha nanntu, imbagħad il-Marmarall, imbagħad missieru u hu. Missieru kien iħallas il-qbiela għand xi ħadd is-Siggiewi; huwa ma baqax iħallas il-qbiela. Il-ħabel kien maqsum b'ġebel imdaqqas. Ma jafx jekk il-konvenuti kinux iħallsu l-qbiela lil tas-Siggiewi wkoll; kienu jgħidu li tagħhom "kienet tal-knisja". Meta tkeċċa mill-atturi, Pupull kien jaħdem il-parti tal-għalqa li kienet f'idejh. Il-ġebel li jaqsam l-għalqa kien jidher.

11. Fis-sena 1997, l-atturi daħlu jħammlu fir-raba *de quo* u l-konvenuti għamlulhom u rebħulhom kawża ta' spoll;

**l-eċċezzjoni t'akkwist abbażi tal-Art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili**

Illi permezz tas-sitt (6) eċċezzjoni tagħhom, li saret wara li ressqu għadd t'eċċezzjonijiet ta' natura preliminari, il-konvenuti eċċeppew titlu permezz tal-preskrizzjoni ta' 30 sena kif ukoll ta' 10 snin;

Illi l-bażi tal-eċċezzjoni tal-użukapjoni t'10 snin saret a tenur tal-Art. 2140 tal-Kodiċi Ċivili. Bħala prova tagħha, il-konvenuti jakkampaw ruħhom fuq il-kuntratt ta' ċens u fidi sussegwenti. L-art meħuda b'ċens hija dik li

[23] Affidavit a fol 258

tmiss min-naħa tat-Trumantana tal-ħabel t'art fuq imsemmi. Il-pjanta li hemm mal-kuntratt mhux talli ma tinkludix, imma għall-kuntrarju **teskludi** l-art in kwistjoni. L-istess jgħodd għall-fini taċ-ċens. Iffaċċjat b'dan il-fatt, il-konvenut Mariano Farrugia wieġeb li l-pjanta kienet żbaljata, għad li qatt ma kien induna bih qabel. Ikkontro-eżaminat, stqarr li missieru qatt ma qallu li l-pjanta kienet żbaljata. Għalhekk l-allegazzjoni hi bbażata fuq mera ipoteżi, billi huwa la deher fuq il-kuntratt u lanqas ħa sehem fin-negozjati ta' qabel il-kuntratt. Imma l-pjanta tal-fidi saret mill-istess konvenuti, u fiha hemm ripetuta l-istess indikazzjoni tal-art;

Illi l-konvenut Publius Farrugia jsostni li kien hemm biċċa żejda u biċċa nieqsa. Isostni li n-nofs ħabel mertu ta' din il-kawża suppost ġie inkluż iżda tħalla barra, filwaqt li hemm biċċa oħra inkluża fl-istess pjanta li ġiet mibnija minn terzi u għalhekk skont Farrugia ġiet inkluża bi żball fil-pjanta minflok l-art mertu ta' din il-kawża. Skontu l-art żejda hi fejn ċertu Ġużeppi Schembri bena xi garaxxijiet. Ir-riċerki juru li l-garaxxijiet inbnew fuq art akkwistata mingħand il-Kurja minn Schembri b'kuntratt tal-29.09.1963 li tmiss eżattament mal-konfini murija fuq il-kuntratt ta' Carmelo Farrugia tal-24.04.1964. Ma hemm l-ebda overlap (Pjanta Dok C). Raymond Bonnici, addett tal-Kurja, xehed li minn riċerki li għamel ma rriżultalux li l-Kurja qatt kienet sid tal-ħabel art li jinkludi l-porzjoni suġġett ta' din il-kawża.[24] Għalhekk il-Kurja ma setgħet qatt ħadet l-iżball li ttrasferiet lil Carmelo Farrugia biċċa art tagħha minflok oħra tagħha wkoll. Illi għalhekk jirriżulta li l-pjanta kienet waħda korretta. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli biex temmen il-verżjoni tal-konvenut. Verżjoni li ma lanqas ta spontanjament imma wara li ġie ffaċċjat bil-fatt li l-kuntratt li kellu ma kienx jirreferi għall-art in kwistjoni. Dan ifisser li l-eċċezzjoni

[24] Seduta tat-22 ta' Mejju 2014

tal-konvenuti li akkwistaw il-proprjeta  permezz tal-preskrizzjoni ta' għaxar snin a tenur tal-Artiklu 2140 tal-Kodiċi Ċivili hija insostenibbli billi l-kuntratt tal-1964 ma jirreferix għall-art in kwistjoni u allura m'għandhom l-ebda titlu relatat ma' din l-art;

Illi l-konvenut **Publius Farrugia** mhux xhud ta' min joqgħod fuqu. Għalkemm jixhed li terzi offrew li jixtru l-art, in kontro-eżami rriżulta li:

(i) Carmen ta' Singer, li allegatament offriet li tixtri xi parti mhux identifikata tar-raba ta' Carmelo Farrugia, ma ttellgħetx tixhed. L_offerta allegatament saret fl-1971 mentri Publius Farrugia rritorna Malta fil-1977. Ma jafx liema mill-proprjeta tal-konvenut riedet tixtri. [25] Fil-kors tal-kontro-eżami x-xhud saħansitra rrifjuta li jagħti informazzjoni meta mitlub mill-Qorti.

(ii) Salvu Bezzina m'għamel l-ebda offerta biex jixtri n-nofs in kwistjoni

Mistoqsi jekk ħax biċċa raba extra meta reġa' dawwar in-nofs ħabel raba bil-ħitan wara l-ispoll mill-atturi, wieġeb bil-mod klassiku evażiv: "ma jidhirlix jiena"[26];

**Preskrizzjoni ta' 40 sena**

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-atturi li ġaladarba l-konvenuti jgħidu li ħasbu li l-art kienet tal-Kurja, allura l-preskrizzjoni applikabbli kienet ta' erbgħin sena. Fil-fatt ma kinitx tal-Kurja u allura din it-tip ta' preskrizzjoni mhix applikabbli;

[25] Fol 359
[26] Fol 359E

**L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni akkwiżittiva ta' 30 sena**

Illi f'parti oħra tas-sitt eċċezzjoni, u s-seba' eċċezzjoni, li hija ripetizzjoni ta' parti mis-sitt eċċezzjoni, il-konvenut jeċepixxu l-"preskrizzjoni akkwiżittiva a tenur tal-artikoli 524(1), 2107 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili"[27]. Il-Qorti ma tistax tifhem fhiex jidħlu l-Art. 524(1) u l-Art. 2107 tal-Kodiċi Ċivili imsemmijin fir-Risposta Guramentata. Mill-artikli ċċitati mill-konvednuti, l-unika disposizzjoni applikabbli għall-preskrizzjoni akkwiżittiva huwa l-Art. 2143 tal-istess Kodiċi;

Illi m'hemmx dubbju li l-konvenuti u missierhom okkupaw, b'xi titlu jew ieħor, għal xi żmien, in-nofs ħabel in kwistjoni;

Illi l-konvenuti jsostnu li billi mingħalihom li kellhom titlu (taċ-ċens), huma okkupaw *animo domini* sa mill-1964. Dan il-ħsieb iżda **ma ġiex esternalizzat, ossia manifestat pubblikament, billi:**

(i) **ma baqgħux jaħdmu l-għalqa.** L-atturi Francis Cutajar u ħuħ Peter Paul Cutajar xehdu li meta aċċedew fuq l-art qabel m'għamlu l-konvenju, għall-ħabta tal-1997, sabu l-art żdingata. Dan huwa kkonfermat mill-Perit tagħhom Mariello Spiteri, li aċċeda fuq is-sit f'Ġunju 1997 flimkien ma' Peter Paul Cutajar biex jieħu l-qisien u jispezzjonah. Il-Perit qal li kien l-għalqa tant kienet żdingata li kien diffiċli timxi fiha. Kien hemm ħaxix ħażin, ħitan tas-sejjiegħ imġarrfin, u tankijiet mormijin. Anke l-passaġġ li minnha kien hemm aċċess għall-għalqa in kwistjoni kien mimli ħaxix u kien ċar li kien ilu ma jintuża.[28] Jekk din ix-xhieda titwemmen, dan ifisser

[27] ara fol 203
[28] Affidavit tal-Perit Mariello Spiteri a fol 38

li l-art ma baqgħetx tinħadem wara l-1994; għax sa dakinhar ir-ritratti mill-ajru juru li kienet tinħadem.

(ii) Mix-xhieda li pproduċew biex jippruvaw il-pussess tagħhom, **la Joseph Abdilla u lanqas Publius Falzon ma qalu b'liema titlu kienu jippretendu li jokkupaw l-art il-konvenuti jew missierhom**, għad li kienu jgħidu lil Publius Falzon li l-art kienet "tal-Knisja" (u mhux tal-konvenuti). Stqarrija li mhux talli ma turix okkupazzjoni animo domini, imma talli turi li kienu jafu li l-art mhix tagħhom u kienu juru din il-fehma lil terzi. Il-konvenuti jallegaw li ddenunzjaw ir-raba bħala parti mill-wirt ta' missierhom (miet fil-1986), iżda mill-fotokopji mhux awtentikati ( u allura fi kwalunkwe każ mhux ammissibbli bħala prova) tad-denunzja (oriġinali u addizzjonali) esibiti ma jidhirx b'mod inekwivoku li qiegħdha tiġi ddenunzjata l-art in kwistjoni, minħabba deskrizzjoni inadegwata tal-art denunzjata. [29] Il-konvenuti għalhekk ma rnexxilhomx juru li pubblikament urew id-dominju tagħhom għal il-perjodu kontinwu ta' tletin sena. **Joseph Abdilla** mar joqgħod in-Nigret madwar 1986[30]. Ħabib ħafna ma' Publius Farrugia. Kien jidħol 3 jew 4 darbiet f'sena jaħrat lil Pupull. Publius ma qallu r-raba kienx tiegħu jew le.[31] Kien immarkat bil-ġebel.[32] Ma jafx jekk Publius kienx iħallas qbiela tar-raba. Fuq hekk qatt ma tkellem miegħu[33]'

Illi lanqas ġiebu prova ta' minn meta bdew (huma jew il-predeċessuri tagħhom fit-titolu) jikkapparraw l-art. Prova li kienet tinkombi lilhom. Il-konvenut Publius Farrugia xehed li r-raba kienet għand missieru għal snin kbar iżda jixhed li hu (Publius) kien jgħid fl-esteru u rritorna fil-1977.

[29] Fol 245 et seq
[30] Fol 484
[31] Fol 489
[32] Fol 489
[33] Fol 496

Bejn il-1977 u 1997 għaddew 20 sena. Ikkontro-eżaminat **ma kienx jaf b'liema titlu missieru kien jokkupa l-art in kwistjoni**: "ma nafx jekk hux bi qbiela jew proprjeta tagħhom dak għax kont għadni ma twilidx"[34];

Illi l-konvenuti ma ġibux prova li okkupaw l-għalqa ***animo domini.*** l-konvenuti lanqas irribattew l-allegazzjoni ta' Joseph Spiteri, sid preċedenti tal-għalqa *de quo*, li minn tal-inqas sal-1996, il-ħabel intier **kien f'idejn "Geraldu l-kuntrattur**"; li dan ħallas il-kera sal-1978 – għax sa din is-sena (li jiftakarha għax fiha assassinaw lill-istatista Taljan Aldo Moro) kien imur ma' missieru jiġbor il-qbiela - u li Ġeraldu daħħal lil missier il-konvenuti f'biċċa mill-ħabel, mingħajr il-permess tas-sidien; iżda l-qbiela baqgħet titħallas minn Geraldu;

Illi **Publius Falzon** xehed li[35] nofs il-ħabel u n-nofs ta' maġembu fl-antik kienu ħabel wieħed u kkonferma li missieru kien iħallas il-qbiela ta' dan ir-raba. Ma setax jispjega kif il-konvenuti seta' kellhom nofsu bi proprjeta` filwaqt li missieru kien iħallas il-qbiela;

Illi dan juri li almenu sakemm miet missier il-konvenuti, dan ma kienx qiegħed jokkupa n-nofs ħabel *de quo animo domini*. Li seta' ġara, li kieku l-konvenuti jingħataw il-benefiċċju tad-dubbju, hu illi wara l-mewt ta' missierhom huma ħasbu li l-art kienet għandhom b'ċens mingħand il-Kurja. Benefiċċju li ma jistax jingħata f'każijiet bħal dawn fejn il-prova tal-pussess trid tkun ċara u univoka. Fi kwalunkwe każ m'għaddewx tletin sena mill-mewt tal-missier (1986) sa meta l-konvenuti ġew iddisturbati fil-pussess tagħhom (1997);

[34] Fol 324
[35] xehed 05.12.2013

Illi hemm indizju qawwi li jimmilita kontra l-pussess *animo domini*: għalkemm in-nofs ħabel imiss ma' ħabel art proprjeta` tal-konvenuti – dik l-art li akkwistaw b'ċens perpetwu fil-1964 – qatt ma niffdu ż-żewħ porzjonijiet. Kien biss wara l-kawża tal-ispoll li saret fetħa fil-ħajt tas-sejjiegħ diviżorju in kwistjoni, kif jixhed il-ġebel tal-ġnub tal-fteħa impoġġi relattivament fi żmien riċenti pparagunat mal-bqija tal-ħajt – fetħa li ma kienet tidher fl-ebda wieħed mir-ritratti miġbudin mill-ajru, esibiti mill-konvenuti nfushom. Dan meta biex jaċċedu għal dan l-istess porzjon raba kellhom jgħaddu minn fuq proprjeta` tal-atturi jew il-predeċessuri tagħhom fit-titlu. Huwa ferm inverosimili li l-konvenuti qagħdu jsofru din l-iskumdita` tul is-snin jekk tabilħaqq kienu jemmnu li l-art hi tagħhom. Huwa iktar minn lewn id-dinja dak li xehdu l-predeċessuri fit-titlu tal-atturi li dik il-porzjon kienet mislufa jew sullokata minn Geraldu l-kuntrattur li kien iħallas il-qbiela lill-istess *dante causa* tal-atturi – u li kien proprju għalhekk li ma saritx il-fetħa fil-ħajt;

Illi għalhekk il-konvenuti ma ressqux **provi ċari, univoċi u indubbi**[36] dwar l-okkupazzjoni tagħhom pubblika u paċifika animo domini għal tletin sena. Din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda;

**Danni**

Illi permezz tad-domandi 6 sa 9, l-atturi talbu l-likwidazzjoni u ħlas tad-danni minħabba li ma setgħux jiżviluppaw l-art tagħhom, u ppreżentaw ċertifikat li jikkwantifika dawn id-danni fl-ammont ta' €859,038.80 sas-sena 2010. M'hemmx għalfejn jingħad li l-fatt waħdu li wieħed jagħżel li

[36] Abela v Zammit 16.05.1962 XLVI.ii.619

jiddefendi dak li jaħseb li hu dritt tiegħu ma jirrendihx passibbli għad-danni kemm-il darba jirriżulta li l-fehma tiegħu tkun żbaljata;

Illi ntqal mill-perillustrissimu Imħallef Philip Sciberras li :

> "Permezz taqhha l-appellanti qed jitlob li jkunu rizarciti lilu d-danni in konsegwenza tal-imġieba processwali da parti ta' 1-appellat f'dik l-azzjoni taghhom. Biex jirnexxi f'din Iazzjoni tieghu 1-appellanti ħtieġlu jipprova t-temerarjeta` tal-pretensjoni tal-konvenuti f'dik il-kawza l-ohra. Mhux biżżejjed li jipprova li 1-konvenuti kienu sokkombenti iżda, fundamentalment, għar-rilevanza tal-karattru temerarju *tal-lite,* presuppost dan dejjem neċessarju għall-kundanna għar-riżarciment tad-danni, illi fil-konvenuti kienet teżisti l-kuxjenza tal-infondatezza tal-pretensjoni tagħhom jew, almenu, li huma naqsu li bi-użu tad-diliġenza, anke minimali, jakkwistaw tali kuxjenza. Jekk l-appellanti rnexxielux jilħaq dan il-grad ta' prova tali kien ghal kollox dipendenti fuq l-aċċertament relattiv tar-riżultanzi istruttorji mit-Tribunal adit fil-mertu"[37];

Illi intqal ukoll minn din il-Qorti, diversament ippreseduta, b'riferenza għal deċiżjoni minn Qorti oħra li:[38]

> "jekk persuna tiftaħ kawża *in buona fede*, għax ġenwinament tħoss li għandha raġun, u tikkawtela l-pretensjoni tiegħu bi ħruġ ta' mandat kawtelatorju, jekk, għal xi raġuni jew oħra, titlef il-kawża, tkun passibili għad-danni. Din il-Qorti thoss li dan il-prinċipju jista' jkun perikoluż għal min ikun titolar tad-dritt, għax il-possibilta` li kawża tintilef huwa dejjem reali, sod kemm ikun sod it-titolu pretiż mill-attur. Dan il-prinċipju jista' jbieghed lil min ikun fis-sewwa milli

[37] Debono John v Cauchi Gianna 12.09.2008 QA[PS]
[38] in re: Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numerat 1488/02 fl-ismijiet John Zarb v Port Cottonera Limited 18.09.2002, per Onor. Imħ. Tonio Mallia:

> jitlob ir-rimedju mill-Qorti u dan minħabba l-biża', dejjem reali, li jitlef il-kawża u, kwindi, ikollu jħallas danni.
>
> "Il-prinċipju assodat mill-ġurisprudenza lokali hija li eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbilta għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibili mil-ligi. Għalhekk, ġie deċiż li min jiftaħ il-kawża u jitlifha, ma jkunx responsabbli għad-danni, sakemm il-ftuħ tal-kawża ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara **Farrugia vs Sammut**, Kollez Vol. XXXVIII.i.223); u **Barbara vs Fleri** Kollez. Vol. XXVIII.iii.695). Huwa meta persuna taġixxi kapriċċożament jew b'*mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha";

Illi f'dan il-każ il-konvenuti, għalkemm m'għandhomx raġun, ma jirriżultax li aġixxew b'mod vessatorju jew temerarju; apparti li kienu konvenuti, u mhux atturi;

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

**1. tiċħad is-sitt eċċezzjoni in kwantu bbażata fuq l-artikli 524(1), 2107 u 2143 tal-Kodiċi Ċivili kif ukoll is-seba' eċċezzjoni ibbażata fuq il-preskrizzjoni akkwiżittiva ta' tletin sena u l-artiklu 530(1) tal-Kodiċi Ċivili**

**2. tiċħad is-sitt eċċezzjoni in kwantu bbażata fuq l-artiklu 2140 tal-Kodiċi Ċivili**

**3. tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha tal-konvenuti**

**4. tilqa' l-ewwel talba tal-atturi**

**5. tilqa' t-tieni talba tal-atturi**

**6. tilqa' t-tielet talba tal-atturi**

**7. tilqa' r-raba' talba tal-atturi u tipprefiġġi terminu ta' 3 xhur mid-data tas-sentenza għar-reintegrazzjoni kif mitluba.**

**8. tilqa' l-ħames talba u taħtar għal dan il-għan lill-Perit Mario Cassar**

**9. tiċħad is-sitt, seba', tmien u disa' talba.**

**Bl-ispejjeż a kariku tal-konvenuti.**

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA